Persunaġġi:

Mimì: *ruħ mitlufa fil-miżbla*
Pawlu: *deffien*

Dan id-dramm ittella' għall-ewwel darba ġewwa t-Teatru tal-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta, f'Novembru 2006 b'direzzjoni ta' Marcelle Teuma u bi produzzjoni ta' teatrutramm. L-atturi li ħadu sehem f'din il-produzzjoni kienu Alison Desira, Joseph Galea u Marion Zammit.

Ittella' wkoll fl-Odeon ta' Pariġi f'Novembru 2008 b'direzzjoni ta' Alexandra Tobelaim.

Ittella' wkoll f'Lixandra fi Frar 2009 bi produzzjoni ta' The Creative Forum for Independent Theatre Groups.

*Tidħol Mimì filwaqt li jibda jinstema' l-id il-leminija tal-Arċisqof Gonzi rrekordjat f'wieħed mill-meetings tas-sittinijiet, meta s-Soċjalisti kienu interdettjati.*

Xi 30 sena ilu faqqgħet fi Spanja gwerra ċivili li ma kienet ċivili fl-ebda sens u li kienet l-ewwel sforz li għamel il-Komuniżmu Russu biex jaħtaf taħt idejh pajjiż bl-armi u kważi rnexxielu. Fi Spanja Kattoliċissima, u għaliex? Għaliex sab is-sodda mifruxa, korruzzjoni fost iż-żgħażagħ bl-istampa, bi stampi ħżiena, Soċjaliżmu fost il-ħaddiema u l-intellettwali mimlijin dottrini foloz ta' Liberaliżmu, kulħadd idabbar rasu u agħar għalih min ma jistax, ta' Lajċiżmu, ir-reliġjon għal ġol-knisja m'għandhiex x'taqsam mal-ħajja pubblika, politika, business, xogħol u divertiment inġenerali, materjaliżmu kullimkien, flus u pjaċir, bla pjaċir u flus. U għalhekk l-Ispanjoli Kattoliċissimi taħt il-Komunisti u sħabhom ħarqu kemm felħu knejjes u kunventi, qatlu mijiet ta' isqfijiet, biċċru eluf ta' saċerdoti u reliġjużi u Nsara oħra u sa mill-qabar qalgħu lis-sorijiet biex jixħtuhom maż-żibel. Dak li ġara fi Spanja Kattolika qed jiġri f'Malta Kattolika wkoll. Minħabba l-injoranza reliġjuża ta' ħafna u l-malizzja djabolika ta' xi wħud, is-sodda mifruxa sewwa u l-lupu daħal liebes ta' nagħġa imma jidhru snienu u difrejh u denbu wkoll u ħataf iżjed minn ħaruf wieħed mill-merħla Maltija ta' Kristu.

*tkanta*

Pizzi pizzi kaxxa
jien ma nħallasx taxxa
brimb, wirdien w għanqbut
kull xorta hawn ta' dud.
Kemm jiena sabiħa,
it-tifla ta' missierha
qalb dawn l-oqbra mkażbrin
fil-miżbla l-qaddisin?

/suppost kelli nixjieħ/kelli nixjieħ biex nara nibqax sabiħa/imma/ġara li ma xjaħtx/u ma nafx għadnix sabiħa xorta/

/suppost kellu jkun hawn ritratt tiegħi hawn/ imma naħseb li baqa' fuq il-kommodina/jew fil-kexxun tal-kommodina jinnamra mar-riħa tal-kamla/x'aktarx riedet iżżommu ommi/dak l-uniku wieħed li għandi/u naħseb li s'issa d-dmugħ tagħha rnexxielu jqaxxar dik it-tbissima li weħlet miegħu għal ħafna snin/ħeqq kemm jiflaħ idum jitbissem dan ir-ritratt?/suppost kellu jixjieħ/

/qalu li raw is-sriep u d-dud ħiereġ mill-istonku u n-nemus idur fuq moħħi/u raw l-iskorpjuni ħerġin minn ħalqi/qalu li jien hekk kien ħaqqni/ ommi ħalfet lill-qassis li ma ratx sriep u skorpjuni/ ma nafx emminhiex/imbagħad bdiet tgħajjat u twerżaq bil-biża'/u ġġieldet biex jeħduni bis-salib/ imma l-ġirien qalulha li ma kienx ħaqqni/fit-triq, il-memorji tagħha tiegħi bdew jaqgħu waħda waħda biex forsi jinbtu/imma n-nisa li kienu joqogħdu ħdejna bdew jaqilgħuhom u jitfgħuhom fiż-żibel għax kienu memorji tal-mistħija/u wara ommi marret tfittixhom/imma ma sabithomx/imbagħad

bdiet tiżra' memorji ġodda kull darba li tiġi hawn/u bdiet issaqqihom bid-dmugħ tagħha/imħeddel/li nixef malajr/u allura ma nibtux/

/naħseb li għalhekk żammitu fil-kommodina r-ritratt/u fuqu għamlet salib/ma jmurx jiġi x-xitan u jeħodhulha/

/'qas ix-xitan ma jridni lili ma/

/l-aħħar li rajtu għamel xi kwarta hawn waħdu/ jiċċassa fit-telqa li sab/għandu jkun ma kienx ċert liema wieħed kien tiegħi/kien ilu ma jiġi/ritratt m'hawnx/ismi m'għadux jidher/nassumi li nesa/u baqa' bil-fjuri f'idu/kif qatt nista' ninsieh/suppost kelli niżżewġu/

*tidħak*

/żgur li kien ikollna ħafna tfal/jien qatt ma kelli oħti jew ħija/imma t-tnejn li aħna ħabbejna affarijiet oħra/aktar milli ħabbejna 'l xulxin/u wara sena ninnamraw/konna għadna ma żżewwiġniex/ dawn ġibtli? għidtlu, erba' fjuriet tal-plastik?!/sar aħmar nar/rasu baxxuta/

/skiet/

/idejh wara dahru/inħobbok, inħobbok/

/imma ma semagħnix/

/il-fjuri ħadhom lura miegħu/forsi għax ma sabx vażett/jew inkella staħa/imbagħad qatt aktar ma reġa' ġie/